MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2003

Rikors Numru. 89/2002

**Rikors Nru: 89/02**

***L-Avukat Dottor Peter Caruana Galizia bhala prokuratur tal-assenti Stanley Parker***

***versus***

***Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali***

Il-Bord,

Ra r-rikors

Illi l-mandanti tieghu huwa il-propjetarju bhala eredi u successor fit-titlu ta' ommu Giulia Parker tal-fond numru sitta u sittin (66) Triq Santa Lucia, Valletta li kien mikri lid-Dipartiment tal-Edukazzjoni bil-kera ta' tliet mitt lira (Lm300) fis-sena b'effett mill-1 ta' April 1955 liema kera

kien jithallas kull sitt xhur bil-quddiem fl-1 ta' April u fl-1 ta' Ottubru ta' kull sena.

Iilli fil-31 ta' Marzu 1976 id-Direttur tal-Edukazzjoni ittermina l-lokazzjoni izda l-intimat (f'dak iz-zmien is-Segretarju tad-Djar) hareg requisition order fi 29 ta' Marzu 1976 bin-numru RO 6209 u ha pussess tal-fond.

Illi qatt ma thallas kumpens lis-sid ghall-okkupazzjoni mill-intimat ghal perjodu mill-1 ta' April 1976 l'hawn u dan minkejja diversi interpellanzi inkluz zewg ittri ricenti, kpji hawn esebiti bhal Dok A u Dok B.

Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett kollu li dan il-Bord jiffissa il-kumpens dovut mill-intimat lill-esponenti a 'tenur tal-Artikolu 12 Cap 125 u jiffissa ukoll il-modalita' tal-pagament skond il-ligi.

Ra r-risposta

Illi l-kumpens li r-rikorrent qed jilmenta li qatt ma rcieva fil-fatt dejjem kien disponibbli ghand id-dipartiment, izda probabbilment li gara kien li l-mandant tar-rikorrent qatt ma ghamel kuntatt mad-Dipartiment biex jirtirah.

Illi rigward l-ammont tal-kumpens, dan m'huwiex xi wiehed li jista' jitqies bhala diskriminatorju, billi jikkompara tajjeb mal-kumpens li jinghata lil sidien ohrajn ta' postijiet simili b'inkwilini simili.

Ghaldaqstant l-esponent jissottometti li l-kumpens li qed jinghata prezentement huwa xieraq u jimmerita konferma.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra l-verbal tal-4 ta' Gunju, 2002.

Ikkunsidra,

1. Dak li gara minn dan il-fond huwa mfisser fis-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-17 ta' Jannar, 1992.

2. Il-Bord ghandu kompetenza li jistabilixxi l-kumpens xieraq skond il-Kapitolu 125 tal-Ligijiet ta' Malta u ma ghandu l-ebda setgha dwar il-validita' jew la ta' ordni ta' rekwizizzjoni. Wara s-sentenza fuq imsemmija, barra xi ittri, il-familja Parker ma haditx passi ghal dak li kien gara. Il-Bord ghandu quddiemu fond li gie maqsum f'hames bicciet, kull bicca allokata lill-kerrej. Il-kera ta' kull bicca giet iffissata mill-Bord b'sentenzi tat-18 ta' Lulju 1975. Gew esebiti erba' sentenzi imma a fol 11 hemm imsemmija il-hames bicciet u l-kera xieraq taghhom. Dwar dan ma hemm l-ebda kontestazzjoni mill-partijiet. Il-fissazzjoni ta' kera saret fil-konfront tal-kerrejja kif dejjem isir wara li s-Segretarju tad-Djar b'meta "ddikjara li ma ghandux interess…." fil-konfront tas-sidien Giulia u George mizzewgin Parker.

3. L-art 11 tal-Kap 125:

(1) Bla hsara ta' dak li hemm stabbilit hemm izjed il-quddiem, il-kumpens li ghandu jithallas dwar ir-rekwizizzjoni ta' bini ikun l-ghadd ta' dawn is-somom flimkien, jigifieri:

(a) somma li tkun daqs il-kera li ghandu skond ir-raguni jithallas minn kerrej li qieghed ighammar fil-bini matul iz-zmien li ghalih qed jinzamm il-pussess tal-bini bis-sahha tad-dispozizzjonijiet ta' dan l-Att, bis-sahha ta' kiri minnufih qabel il-bidu ta' dak iz-zmien:

Izda meta l-bini huwa uzat mid-Direttur, jew minn xi persuna li tkun imqeghda fih wara rekwizizzjoni bhala dar skond it-tifsira tal-kelma fl-Ordinanza li Trazzan il-Kera fuq id-Djar, il-kera m'ghandux ikun izjed mill-kera xieraq kif imfisser fl-artikolu 2 ta' dik l-Ordinanza.

4. Skond l-artikolu 12 il-kumpens li ghandu jithallas hu fil-kazijiet kollha fil-kompetenza tal-Bord (ara App. Inf. 'Grech vs Segretarju tad-Djar, 18/2/86; App. Civ. 'Azzopardi et vs

Gauci et', 2/8/94; App. Civ. Cachia Zammit noe vs Bianchi, 16/1/67).

5. Il-kera xieraq gie stabbilit taht l-Ordinanza XV1 tal-1944 (illum Kap 125) tal-Ligijiet ta' Malta u l-ammont tal-kumpens hu l-istess. Il-kera xieraq ta' dar jigi stabbilit biss darba ghal dejjem, ikun min ikun is-sid, ikun min ikun il-kerrej. Ghalhekk il-Bord ma jistax jerga' jiffissa l-kera xieraq mill-gdid kif qed jitlob ir-rikorrent nomine. Fl-1 ta' April 1976 il-fond kien gie maqsum u allokat bhala djar ta' residenza. Il-Bord itemmi li ma ghandu l-ebda kompetenza li jidhol fi kwistjonijiet dwar l-imgieba tad-Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali. Ir-rikorrenti setghu hadu passi ohra wara s-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-17 ta' Jannar 1992 (Dok G).

6. Il-kera li qed tithallas hi kif gej:

| | |
|---|---|
| Flat 1 | Lm10 |
| Flat 2 | Lm15 |
| Flat 3 | Lm22 |
| Flat 4 | Lm17.50 |
| Flat 5 | Lm17.50 |
| Total | Lm82 |

Ghalhekk il-Bord qed jiffissa l-kumpens xieraq mill-1 ta' April 1976 fl-ammont komplessiv ta' tnejn u tmenin lira Maltija fis-sena pagabbli kull tlett (xhur) bil-quddiem. L-ispejjez jithallsu mill-intimat.

Dep/Reg
Magistrat

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------